bħala adozzjoni bejn pajjiż u ieħor tal-persuna hemmhekk imsemmija u dan ai termini tal-Artikoli 113, 130 u 130A tal-Kodiċi Ċivili.

(Iff.) Av. Jonathan Attard
Ministeru għall-Ġustizzja

It-22 ta' April, 2022

Nru. 421

DEPUTAT SEGRETARJU EŻEKUTTIV TAL-KUNSILL LOKALI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-persuna msemmija hawn taħt giet appuntata Deputat Segretarju Eżekuttiv ta' dak il-Kunsill b'seħħ mill-20 ta' April, 2022:

Kunsill Lokali	*Deputat Segretarju Eżekuttiv*
L-Imqabba	Fabian Mizzi

It-22 ta' April, 2022

Nru. 422

MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL

Benefiċċju għal Waqt l-Impjieg għal Persuni li Jaħdmu bi Qligħ u li Għandhom Tfal Taħt it-23 Sena

IL-MINISTRU għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal, qiegħed jestendi din l-iskema li ġejja, li għandha l-għan li tinkoraġġixxi persuni li għandhom tfal taħt it-23 biex jaħdmu bi qligħ u b'hekk tonqos id-dipendenza fuq il-benefiċċji soċjali.

1. Tifsir

F'din l-iskema kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xorta oħra:

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli mill-Politika Soċjali;

"Direttur" tfisser id-Direttur Ġenerali responsabbli mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali;

"Kap ta' Familja" għandu t-tifsira mogħtija lilu fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318);

adoption of the person therein mentioned for the purposes of Articles 113, 130 and 130A of the Civil Code

(Sgd) Dr Jonathan Attard
Minister for Justice

22nd April, 2022

No. 421

LOCAL COUNCIL DEPUTY EXECUTIVE SECRETARY

IT is hereby notified for general information that the following person has been appointed Deputy Executive Secretary of that Local Council with effect from 20th April, 2022:

Local Council	*Deputy Executive Secretary*
Mqabba	Fabian Mizzi

22nd April, 2022

No. 422

MINISTRY FOR SOCIAL POLICY AND CHILDREN'S RIGHTS

In Work Benefit for Persons Carrying Out a Gainful Occupation Having Children Under the Age of 23 Years

THE Minister for Social Policy and Children's Rights is extending the following scheme, which is aimed at encouraging persons with children under the age of 23 to participate in a gainful occupation and therefore reduce their dependency on social benefits.

1. Definitions

In this scheme, unless the context requires otherwise:

"Minister" means the Minister responsible for Social Policy;

"Director" means the Director General responsible for the Department of Social Security;

"Head of Household" shall have the meaning assigned to it under the Social Security Act (Cap. 318);

"Familja" għandha t-tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318);

"Impjieg assigurabbli" għandu t-tifsira mogħtija lilu fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318).

2. Min jikkwalifika għal din l-Iskema

a. Familji residenti f'Malta fejn il-ġenituri t-tnejn jaħdmu li għandhom dħul mix-xogħol ta' bejn €10,000 u €50,000 fis-sena u fejn;

(i) Id-dħul ta' wieħed/waħda mill-ġenituri ma jkunx inqas minn €3,000 fis-sena u

(ii) Tfal li għadhom jgħixu fl-istess residenza mal-ġenituri għadhom ma laħqux it-23 sena.

b. Familji residenti Malta b'ġenitur wieħed/waħda li jaħdem/taħdem fejn id-dħul annwali mix-xogħol hu ta' bejn €6,600 u €35,000 fis-sena u fejn it-tfal li għadhom jgħixu fl-istess residenza mal-ġenitur tagħhom għadhom ma laħqux it-23 sena.

c. Familji residenti Malta fejn xi ħadd mill-ġenituri jkun qed j/taħdem u li d-dħul mix-xogħol ta' min jaħdem ikun bejn €6,600 u €35,000 fis-sena u fejn it-tfal li għadhom jgħixu fl-istess residenza mal-ġenituri għadhom ma laħqux it-23 sena.

3. Kif jinkiseb id-dritt għal din l-iskema

a. Permezz ta' talba fuq il-formola kif ipprovduta mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali li tista' tinkiseb mill-website tad-Dipartiment (https://socialsecurity.gov.mt).

b. Id-Direttur jista' minn żmien għal żmien jitlob kull dokument ieħor li jista' jkun meħtieġ sabiex it-talba tkun tista' tiġi pproċessata, riveduta jew imġedda.

c. Dan il-benefiċċju jista' jitħallas b'lura sa sentejn kalendarji mid-data tal-applikazzjoni, jekk it-talba mill-applikant tkun tissodisfa l-proviżjonijiet tal-Artikolu 97 (2) (c)(ii)(a) tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap 318).

4. F'hiex tikkonsisti l-Iskema

Din l-iskema tikkonsisti f':

Benefiċċju mogħti lill-familji li jaħdmu fejn ir-rati applikabbli fis-sena huma kif indikati f'din it-tabella:

"Household" shall have the meaning assigned to it under the Social Security Act (Cap. 318);

"Insurable Employment" shall have the meaning assigned to it under the Social Security Act (Cap. 318).

2. Who is eligible for this Scheme

a. Families residing in Malta where both parents are carrying out a gainful occupation with earnings from such gainful occupation falling between €10,000 and €50,000 and where;

(i) the earnings of any one of the parents does not fall below €3,000 and

(ii) the children in the same household have still not attained the age of 23 years

b. Single parent families residing in Malta carrying out a gainful occupation with earnings falling between €6,600 and €35,000 and where the children in the same household have still not attained the age of 23 years.

c. Families residing in Malta where one of the parents is in a gainful occupation with earnings from such gainful occupation falling between €6,600 and €35,000 and where the children in the same household have still not attained the age of 23 years.

3. How to acquire the right for this scheme

a. Through an application which is available from the website of the Department of Social Security (https://socialsecurity.gov.mt).

b. The Director reserves the right to request any documents or evidence as necessary to process the claims.

c. This benefit can be paid backdated by two calendar years from the date of application, given that applicant's request is in conformity with the provisions of Article 97 (2) (c)(ii)(a) of the Social Security Act (Cap 318).

4. What does this scheme consist of

This scheme consists of:

The following applicable rates on a yearly basis as per indicated table:

Żewġ Ġenituri Jaħdmu *Two Parents Working*			Ġenitur Singlu J/Taħdem *Single Parent Working*			Xi ħadd mill-Ġenituri J/Taħdem *One Parent Working*		
Dħul		Benefiċċju	Dħul		Benefiċċju	Dħul		Benefiċċju
Income		*Benefit*	*Income*		*Benefit*	*Income*		*Benefit*
Minn	Sa	Ammont	Minn	Sa	Ammont	Minn	Sa	Ammont
From	*To*	*Amount*	*From*	*To*	*Amount*	*From*	*To*	*Amount*
€	€	€	€	€	€	€	€	€
10,000	11,211	700	6,600	7,511	1,100	6,600	10,312	730
11,212	11,311	750	7,512	7,611	1,125	10,313	12,812	680
11,312	11,411	800	7,612	7,711	1,150	12,813	13,812	605
11,412	11,511	850	7,712	7,811	1,175	13,813	14,812	455
11,512	11,611	900	7,812	7,911	1,200	14,813	15,812	370
11,612	11,711	950	7,912	8,011	1,225	15,813	17,812	305
11,712	11,811	1,000	8,012	8,111	1,250	17,813	18,812	280
11,812	11,911	1,050	8,112	8,211	1,275	18,813	20,812	250
11,912	12,011	1,100	8,212	8,311	1,300	20,813	25,999	220
12,012	12,111	1,150	8,312	8,411	1,325	26,000	35,000	200
12,112	12,211	1,200	8,412	8,511	1,350			
12,212	12,311	1,250	8,512	8,611	1,375			
12,312	12,411	1,300	8,612	8,711	1,400			
12,412	12,511	1,350	8,712	8,811	1,425			
12,512	12,611	1,400	8,812	8,911	1,450			
12,612	12,711	1,450	8,912	9,011	1,475			
12,712	17,911	1,500	9,012	9,911	1,500			
17,912	18,011	1,370	9,912	10,011	1,430			
18,012	18,111	1,340	10,012	10,111	1,410			
18,112	18,211	1,260	10,112	10,211	1,390			
18,212	18,311	1,230	10,212	10,311	1,370			
18,312	18,411	1,200	10,313	10,411	1,350			
18,412	18,511	1,170	10,412	10,511	1,330			
18,512	18,611	1,140	10,512	10,611	1,310			
18,612	18,711	1,110	10,612	10,711	1,290			
18,712	18,811	1,080	10,712	10,811	1,270			
18,812	19,011	1,050	10,812	10,911	1,250			
19,012	19,211	990	10,912	11,011	1,230			
19,212	19,411	930	11,012	11,111	1,210			
19,412	19,611	870	11,112	11,211	1,190			
19,612	19,811	810	11,212	11,311	1,170			

19,812	20,111	750	11,312	11,411	1,150
20,112	20,411	660	11,412	11,511	1,130
20,412	20,711	570	11,512	11,611	1,110
20,712	21,011	540	11,612	11,711	1,090
21,012	21,311	510	11,712	11,811	1,070
21,312	21,611	320	11,812	11,911	1,050
21,612	21,911	310	11,912	12,061	1,030
21,912	22,211	300	12,062	12,211	990
22,212	22,511	290	12,212	12,361	970
22,512	22,811	280	12,362	12,511	930
22,812	23,111	250	12,512	12,661	910
23,112	23,411	240	12,662	12,811	870
23,412	34,999	230	12,812	12,961	850
35,000	50,000	200	12,962	13,111	810
			13,112	13,261	790
			13,262	13,411	750
			13,412	13,561	730
			13,562	13,711	690
			13,712	13,861	670
			13,862	14,011	630
			14,012	14,161	610
			14,162	14,311	570
			14,312	14,461	550
			14,462	14,611	510
			14,612	14,761	490
			14,762	14,911	450
			14,912	15,061	430
			15,062	15,211	390
			15,212	15,811	370
			15,812	17,311	250
			17,312	22,999	220
			23,000	35,000	200

Fil-każ ta' ġenitur singlu li j/taħdem, tingħata żieda ta' €80 fis-sena għall-ewwel wild eleġibbli fejn id-dħul ikun bejn is-€6,600 u d-€9,911.

5. Kif jingħata dan il-beneficċju

a. Permezz ta' depożitu fil-kont bankarju indikat minn min jagħmel it-talba; jew

In the case of a working single parent, an additional €80 per year is paid to the first eligible child in the €6,600 to €9,911 income brackets.

5. How shall this benefit be granted

a. By means of a bank deposit in a bank account indicated by the applicant; or

b. Permezz ta' ċekk maħruġ fuq il-kap tal-familja.

6. Għoti ta' informazzjoni falza jew nuqqas ta' tħaris tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318)

Fil-każ ta':

a. Għoti ta' informazzjoni falza jew nuqqas ta' rappurtar lid-Direttur ta' xi bdil fiċ-ċirkostanzi; jew

b. Nuqqas ta' tħaris tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318) bil-għan li jinkiseb jew li jibqa' jinkiseb dan il-benefiċċju mill-benefiċjarju għandhom japplikaw il-provvedimenti tal-Għaxar Taqsima tal-Att dwar is-Sigurtà Socjali (Kap. 318).

7. Tul tal-Iskema

Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-estensjoni ta' din l-iskema hija t-2 ta' Jannar, 2022. Din l-iskema tibqa' fis-seħħ sakemm il-Ministru joħroġ notifika bid-data tat-tmiem ta' din l-Iskema fil-Gazzetta tal-Gvern.

8. Emendi għall-Iskema

Il-Ministru jkun jista' jagħmel dawk l-emendi neċessarji għal din l-iskema billi jippubblika dawk l-emendi fil-Gazzetta tal-Gvern.

It-22 ta' April, 2022

Nru. 423

MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL

Tnaqqis Gradwali tal-Għajnuna Soċjali

IL-MINISTRU għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal qiegħed jestendi l-iskema li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2014, u li kellha bħala għan li tintroduċi persuni li jkun ilhom iżjed minn sena jirreġistraw fuq l-Ewwel Taqsima tar-Reġistru, miżmum skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar is-Servizz tal-Impjieg u Taħriġ, u/jew ilhom iżjed minn sena jibbenefikaw minn Għajnuna Soċjali taħt l-Artikolu 30 tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap 318), u jidħlu f'impjieg assigurabbli.

Din l-iskema, tapplika wkoll għal kap ta' familja, li tkun persuna mhux miżżewġa u għandha tfal taħt it-23 sena u li

b. By means of a cheque to the person who is the head of household.

6. Provision of false information and non-compliance with the provisions of the Social Security Act (Cap 318)

If a person:

a. Provides false information or fails to report to the Director any change in circumstances; or

b. Fails to comply with the provisions of the Social Security Act (Cap. 318) with the aim of obtaining or continuing to obtain this benefit by the beneficiary, the provisions of Part X of the Social Security Act (Cap. 318) shall be applicable.

7. Duration of the Scheme

The extended scheme shall enter into force on the 2nd January, 2022 and shall remain in force until such date as the Minister may prescribe in the Government Gazette.

8. Amendments to the Scheme

The Minister may effect any necessary amendments to this scheme by publishing the said amendments in the Government Gazette

22nd April, 2021

No. 423

MINISTRY FOR SOCIAL POLICY AND CHILDREN'S RIGHTS

Tapering of Social Assistance

THE Minister for Social Social Policy and Children's Rights is hereby extending the scheme introduced with effect from 1 January 2014, which aim is to introduce persons who have been registering for more than one year under Part One of the Register maintained in accordance with the provisions of the Employment and Training Services Act and/or who are in receipt of Social Assistance as per Article 30 of the Social Security Act (Cap. 318) to partake in insurable employment.

This scheme is also applicable to the head of household, being a single parent and taking care of children under the

fil-ġurnata tat-talba tkun qiegħda tibbenefika mill-Għajnuna Soċjali taħt l-Artikolu 30 tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap 318).

1) Tifsir

F'din l-iskema kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xorta oħra:

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli mill-Politika Soċjali;

"Direttur" tfisser id-Direttur Ġenerali responsabbli mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali;

"Kap ta' Familja" għandu t-tifsira mogħtija lilu fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap 318);

"Familja" għandha t-tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap 318);

"Impjieg assigurabbli" għandu t-tifsira mogħtija lilu fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap 318).

2) Min jikkwalifika għal din l-Iskema

a. Kap ta' familja li fit-tliet snin qabel issir it-talba jkun qiegħed jirċievi għal sena jew iktar wieħed minn dawn il-benefiċċji mhux kontributorji; u kap ta' familja li tkun persuna mhux miżżewġa u għandha tfal taħt it-23 sena jgħixu magħha u li tkun qiegħda preżentament tirċievi wieħed minn dawn il-benefiċċji mhux kontributorji:

b. i) Għajnuna Soċjali; jew

ii) Għajnuna Soċjali għal Diżimpjieg.

c. Min iħaddem u jiddeċiedi li jintroduċi persuni eliġibbli għall-benefiċċji msemmija aktar 'il fuq, fid-dinja tax-xogħol.

3) Kif jinkiseb id-dritt għal din l-iskema

a. L-għajnuna tingħata lil persuna li tkun qiegħda tirreġistra għax-xogħol taħt l-Ewwel Parti tar-Registru miżmum skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar is-Servizz tal-Impjieg u Taħrig u tirċievi l-Għajnuna Soċjali għal Diżimpjieg għal sena jew iktar fit-tliet snin qabel issir it-talba.

b. L-għajnuna tingħata wkoll lil persuna li tkun ilha tirċievi l-Għajnuna Soċjali għal sena jew iktar fit-tliet snin qabel issir it-talba u li tiddeċiedi li tidħol fid-dinja tax-xogħol.

age of 23 and being in receipt of Social Assistance as per Article 30 of the Social Security Act (Cap 318).

1) Definitions

In this scheme, unless the context requires otherwise:

"Minister" means the Minister responsible for Social Policy;

"Director" means the Director General responsible for the Department of Social Security;

"Head of Household" shall have the meaning assigned to it under the Social Security Act (Cap. 318);

"Household" shall have the meaning assigned to it under the Social Security Act (Cap. 318);

"Insurable Employment" shall have the meaning assigned to it under the Social Security Act (Cap. 318).

2) Who is eligible for this Scheme

a. The head of household who has been in receipt of any one of the following non-contributory social benefits for a minimum period of one year in the three years preceding the claim; and the head of household being a single parent and taking care of children under the age of 23 and in receipt one of the following non-contributory benefits:

b. i) Social Assistance; or

ii) Unemployment Assistance.

c. Employers who decide to employ persons who are in receipt of one of the social benefits mentioned above.

3) How to acquire the right for this scheme

a. A beneficiary who is registering under Part One of the Register maintained in accordance with the provisions of the Employment and Training Services Act, and has been in receipt of the Unemployment Assistance for a minimum period of one year in the three years preceding the claim.

b. A beneficiary in receipt of Social Assistance for a minimum period of one year in the three years preceding the claim and who decides to partake in insurable employment.

c. L-għajnuna tingħata wkoll lil kap ta' familja li tkun persuna mhux miżżewġa u għandha tfal taħt it-23 sena jgħixu magħha u preżentament tirċievi l-Għajnuna Soċjali.

d. L-għajnuna tingħata wkoll lil persuna li tkun ilha tirċievi l-Għajnuna Soċjali għal sena fl-aħħar tliet snin u tiżżewweġ jew tidħol f'Unjoni Ċivili jew tidħol f'koabitazzjoni, permezz ta' kuntratt bejn il-partijiet jew permezz ta' dikjarazzjoni unilaterali, li tkun ikkonfermata u ċċertifikata l-validità legali tagħha skont it-termini u d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Koabitazzjoni (Kap 571 tal-Liġijiet ta' Malta) ma' persuna li tkun taħdem.

e. Id-Direttur jista' minn żmien għal żmien jitlob kull dokument ieħor li jista' jkun meħtieġ sabiex it-talba tkun tista' tiġi pproċessata, riveduta jew imġedda.

4) F'hiex tikkonsisti l-Iskema

Din l-iskema tikkonsisti f'dan li ġej:

a. Illi l-persuna benefiċjarja tal-Għajnuna Soċjali, jew il-konjuġi tagħha, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 30 tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap 318) u li tkun ilha benefiċjarja għal sena jew iktar fit-tliet snin qabel tagħmel it-talba jew qabel waħda mill-konjuġi tibda taħdem, ma titlifx id-dritt għall-Għajnuna Soċjali, iżda tibqa' intitolata għal 65% tar-rata dovuta fl-ewwel sena; 45% tar-rata dovuta għat-tieni sena; u għal 25% tar-rata dovuta għat-tielet u l-aħħar sena minn meta tkun saret it-talba sakemm tibqa' f'impjieg assigurabbli li minnu taqla' mhux inqas mill-Paga Minima Nazzjonali f'kull sena li fiha tkun qed tirċievi l-persentaġġi msemmija.

b. Illi l-kap ta' familja li tkun persuna mhux miżżewġa u għandha tfal taħt it-23 sena jgħixu magħha u preżentament tirċievi l-Għajnuna Soċjali u tidħol f'impjieg assigurabbli ta' mhux anqas minn għaxar (10) siegħat fil-ġimgħa, bir-rata mħallsa fis-siegħa tkun ekwivalenti tal-Paga Minima Nazzjonali (€4.57), ma titlifx id-dritt għall-Għajnuna Soċjali, iżda tibqa' intitolata għal 65% tar-rata dovuta fl-ewwel sena; 45% tar-rata dovuta għat-tieni sena; u għal 25% tar-rata dovuta għat-tielet u l-aħħar sena.

c. Illi, il-persuna benefiċjarja tal-Għajnuna Soċjali għal sena fl-aħħar tliet snin u tiżżewweġ jew tidħol f'Unjoni Ċivili jew tidħol f'koabitazzjoni, permezz ta' kuntratt bejn il-partijiet jew permezz ta' dikjarazzjoni unilaterali, li tkun ikkonfermata u ċċertifikata l-validità legali tagħha skont it-termini u d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Koabitazzjoni (Kap 571 tal-Liġijiet ta' Malta) ma' persuna li tkun taħdem u d-dħul ma jkunx anqas mill-Paga Minima Nazzjonali fil-ġimgħa, ma titlifx id-dritt għall-Għajnuna Soċjali, iżda

c. A beneficiary, being the head of household who is a single parent and taking care of children under the age of 23.

d. A beneficiary who has been in receipt of Social Assistance for a minimum period of one year in the three years preceding the claim and who enters into a marriage or civil union or enters into cohabitation, through a contract between both parties or by a unilateral declaration, which is confirmed and certified its legal validity under the terms and provisions of the Cohabitation Act (Chapter 571 of the Laws of Malta) with a person participating in a gainful occupation.

e. The Director may, from time to time, request any other document that may be required so that the claim may be processed, revised or renewed.

4) What does this scheme consist of

This scheme consists of the following:

a. A beneficiary of Social Assistance, or the spouse of such beneficiary, and who has been in receipt of this benefit for a minimum period of one year in the three years preceding the claim, shall not forfeit the entitlement for Social Assistance and that the person shall still be entitled to 65% of the rate for the first year, to 45% of the rate for the second year and 25% of the rate for the third and last year. The eligibility depends on the person's income being not less than the National Minimum Wage.

b. A beneficiary of Social Assistance, who is the head of household, being a single parent and taking care of children under the age of 23 and partakes insurable employment of not less than ten (10) hours per week at the hourly rate equivalent to the National Minimum Wage (€4.57), shall not forfeit the entitlement for Social Assistance, and that person shall still be entitled to 65% of the rate for the first year, to 45% of the rate for the second year and 25% of the rate for the third and last year.

c. A beneficiary of Social Assistance, who has been in receipt of this benefit for a minimum period of one year in the last three years preceding the claim, and enters a marriage or civil union or enters into cohabitation, through a contract between both parties or by a unilateral declaration, which is confirmed and certified its legal validity under the terms and provisions of the Cohabitation Act (Chapter 571 of the Laws of Malta), with an employed person whose income is equivalent to the weekly National Minimum Wage, shall not

tibqa' intitolata għal 65% tar-rata dovuta fl-ewwel sena; 45% tar-rata dovuta għat-tieni sena; u għal 25% tar-rata dovuta għat-tielet u l-aħħar sena.

d. Illi min iħaddem ikollu dritt għal 25% tar-rata dovuta għal kull sena sa massimu ta' tliet snin u skont ma' ntqal fil-paragrafu (a) ta' din it-Taqsima.

e. Illi min iħaddem ikollu d-dritt għal 12.5% tar-rata dovuta għal kull sena sa massimu ta' tliet snin sakemm ikun qiegħed jingaġġa persuna fuq bażi part-time u skont ma' ntqal fil-paragrafu (b) ta' din it-Taqsima.

f. Illi min iħaddem skont ma' ntqal fil-paragrafu (c) ma jkollu l-ebda dritt għal ħlasijiet.

5) Kif tingħata din l-għajnuna

a. Il-persentaġġi tal-ħlas tal-benefiċċju kif spjegat aktar 'il fuq u mħallsa lill-benefiċjarji soċjali se jiġu kkalkulati fuq il-benefiċċju ewlieni (Għajnuna Soċjali jew Għajnuna Soċjali għal Diżimpjieg) biss. Fil-każ tal-Allowance tat-Tfal u l-Għajnuna Supplimentari, dawn jiġu riveduti skont id-dħul ġdid mill-impjieg li jkun irid jiġi kkunsidrat fil-kalkolu skont id-dispożizzjonijiet tal-Parti VII u l-Parti VIII tat-Tieni Skeda tal-Att dwar is-Sigurtà Socjali (Kap 318) rispettivament.

b. L-iskema tkun miftuħa kemm għall-impjiegi full-time u kemm part-time. Madanakollu d-dħul mill-impjieg ma jistax ikun inqas mill-Paga Minima Nazzjonali, li għas-sena 2022 tammonta għal €182.83 fil-ġimgħa. Dan l-ammont jiġi aġġustat kull sena skont iċ-ċifra ta' żjieda fil-pagi għall-għoli tal-ħajja mogħtija mill-Gvern.

c. L-iskema tkun miftuħa wkoll għall-kap ta' familja li tkun persuna mhux miżżewġa u għandha tfal taħt it-23 sena li d-dħul mill-impjieg ikun jeċċedi l-ammont ta' €45.70 fil-ġimgħa.

d. Persuna tista' tibbenefika darba minn din l-iskema għal massimu ta' tliet snin. Iżda jekk persuna tieqaf mill-iskema qabel jiskadu t-tliet snin, tkun tista' terġa' tibbenefika mill-istess skema fil-futur sakemm teżawrixxi l-perjodu massimu ta' tliet snin.

e. Min iħaddem jista' jibbenefika minn din l-iskema għal kull persuna li jimpjega u li tkun eliġibbli skont il-kundizzjonijiet imsemmija fuq.

f. F'każ ta' benefiċjarji li jimpjegaw ruħhom bħala persuni li jaħdmu għal rashom, il-persentaġġi mħallsa lilhom

forfeit the entitlement for Social Assistance, and that person shall still be entitled to 65% of the rate for the first year, to 45% of the rate for the second year and 25% of the rate for the third and last year.

d. The employer shall be entitled to 25% of the rate due for every year for a maximum period of three years and in accordance with paragraph (a) of this section.

e. The employer shall be entitled to 12.5% of the rate due for every year for a maximum period of three years if the beneficiary is employed on a part-time basis and in accordance with paragraph (b) of this section.

f. The employer shall not be entitled to any payments in respect of provisions of paragraph (c).

5) How shall this Assistance be granted

a. The percentages of payment as explained in Section 4, are to be calculated only on the main benefit (Social Assistance and Unemployment Assistance). In the case of Children's Allowance and Supplementary Allowance, employment income shall be calculated in terms of the provisions of Part VII and Part VIII of the Second Schedule of the Social Security Act (Cap. 318) respectively.

b. This scheme is applicable to both full-time and part-time employments. However, the income shall not be less than the National Minimum Wage which amounts to €182.83 per week for 2022. This amount varies annually depending on the cost of living adjustment as awarded by the Government.

c. This scheme is applicable also to the head of household, being a single parent taking care of children under the age of 23 and the income exceeds the amount of €45.70 per week.

d. Persons are eligible for this scheme on a one-time basis up to a maximum of three years. Nevertheless, if a person does not continue to benefit from this scheme for the full period of three years, the person shall still be eligible to benefit in the future from this scheme for that remaining period.

e. Employers can benefit from this scheme in respect of every person employed by him or her and who is eligible in accordance with the conditions established in this government notice.

f. The percentages paid to persons who are self-occupied shall be identical to percentages paid to persons

ikunu l-istess bħal dawk imħallsa lill-persuni impjegati, kif spjegat fit-Taqsima 4 (a), (b) u (c).

6) Għoti ta' informazzjoni falza jew nuqqas ta' tħaris tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap 318)

Fil-każ ta':

a. Għoti ta' informazzjoni falza jew nuqqas ta' rappurtar lid-Direttur ta' xi bdil fiċ-ċirkostanzi; jew

b. Nuqqas ta' tħaris tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap 318) bil-għan li tinkiseb jew li tibqa' tinkiseb din l-għajnuna, kemm mill-benefiċjarju u kif ukoll minn min iħaddem, għandhom japplikaw il-provvedimenti tal-Għaxar Taqsima tal-Att dwar is-Sigurtà Socjali (Kap 318).

7) Tul tal-Iskema

Id-data tal-estensjoni ta' din l-iskema hija l-1 ta' Jannar, 2022. Din l-iskema tibqa' fis-seħħ sakemm il-Ministru joħroġ notifika bid-data tat-tmiem ta' din l-Iskema fil-Gazzetta tal-Gvern.

8) Emendi għall-Iskema

Il-Ministru jkun jista' jagħmel dawk l-emendi neċessarji għal din l-iskema billi jippubblika dawk l-emendi fil-Gazzetta tal-Gvern.

It-22 ta' April, 2022

6) Provision of false information and non-compliance with the provisions of the Social Security Act (Cap 318)

If a person:

a. Provides false information or fails to report to the Director any change in circumstances; or

b. Fails to comply with the provisions of the Social Security Act (Cap. 318) with the aim of obtaining or continuing to obtain this assistance from the beneficiary and the employer, the provisions of Part X of the Social Security Act (Cap 318) shall be applicable.

7) Duration of the Scheme

The scheme is being extended with effect from 1st January, 2022 and shall remain in force until such date as the Minister may prescribe in the Government Gazette.

8) Amendments to the Scheme

The Minister may effect any necessary amendments to this scheme by publishing the said amendments in the Government Gazette.

22nd April, 2022

Nru. 424

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
22.4.2022	€57.918	€0.747

It-22 ta' April, 2022

No. 424

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

22nd April, 2022